# SJAF *e*-Magazine

***SJA FOUNDATION***
Ċentru Antida
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

*a monthly e- magazine – Issue No.36, July 2010*

## IL-PROĠETT VINĊI –
## *ħidma ta' appoġġ soċjo-edukattiv b'risq familji fid-diffikultà*

**Is-St Jeanne Antide Foundation qed taħdem id f'id mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar sabiex titwettaq ħidma b'risq individwi u familji li qed jiffaċċjaw sfidi u diffikultajiet kbar f'ħajjithom. Il-ħidma se titwettaq f'numru ta' żoni fejn hemm konċentrazzjoni ta' familji fid-diffikultà.**

Ħaddiema mill-Fondazzjoni qed jaħdmu mill-qrib mal-Kappillan, Dun Bastjan Caruana, ma' Dun Faust Ellul, membri tal-Kummissjoni Djakonija u ma' presbiteri u koperaturi pastorali oħra sabiex f'Ħaż-Żabbar ikollna xibka ta' opportunitajiet għal min jixtieq jikseb appoġġ kunfidenzjali qrib ta' fejn jgħix. Il-ħaddiema tal-proġett, kollha professjonisti u mħejjija għal ħidma soċjali u edukattiva fuq livell ta' komunità, diġà qed jaħdmu ma' numru ta' familji li wrew ix-xewqa li jiksbu appoġġ professjonali f'Ħaż-Żabbar stess. Il-Kappillan offra l-użu ta' l-ewwel sular tal-Uffiċċju Parrokkjali għal dan il-proġett. It-tim tal-proġett se jaħdem ukoll f'żoni oħra, bħal per eżempju ż-żona tal-Housing, b'mod li min ikollu bżonn jitkellem ma' xi ħadd ikun jista' jagħmel hekk faċilment.

Kull min jixtieq jagħmel xi suġġerimenti dwar ħtiġijiet għal servizzi diġà qed ikun jista' jagħmel dan. Per eżempju xi ġenituri miż-żona tal-Housing esprimew ix-xewqa li jinħolqu attivitajiet soċjo-edukattivi għal uliedhom fiż-żona stess. Dalwaqt se jkollna numru tat-telefon għall-uffiċini tal-Proġett Vinċi ħalli r-residenti jkunu jistgħu jaqbdu lill-ħaddiema direttament. Il-Kappillan ukoll jixtieq li minn Ottubru li ġej fiż-żona ta' Marija Bambina, jinbeda Klabb NannaKola għan-nanniet li jieħdu ħsieb in-neputijiet tagħhom. Klabb bħal dan diġà sar fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb is-sena li għaddiet u issa jkun jista' jiġi offrut lin-nanniet ta' żona oħra.


Klabb NannaKola - Zabbar

*KONTENUT*

Proġett Vinċi Żabbar................................1/2
Se Jibdew ................................................3
Grupp Santa Ġiovanna Antida....................3
Aħbarijiet mill Fondazzjoni.........................4
Homework Support Service.............................. 5
Klabb Nanna Kola Fleur-De-Lys..........................6/7
Rokna Poeżija..................................................8/9
Attivitajiet.........................................................10

Permezz tal-inizjattivi eżistenti u fejjieda tal-parroċċa u ta' dan il-Proġett Vinċi b'risq familji aktar b'saħħithom, il-parroċċa ħa tkun f'qagħda aħjar li toffri aktar appoġġ lil kull min jixtieq għajnuna dwar xi diffikultà personali u tal-familja, TKUN XI TKUN IL-PROBLEMA. Insemmu xi <u>eżempji ta' inizjattivi ta' appoġġ</u> tal-proġett:

- Saħħa Mentali: nafu kemm din il-problema għadha moħbija fostna. Imma dan m'għandux għalfejn ikun għax illum, ħafna aktar minn qatt qabel, teżisti ħafna għajnuna. Mal-Proġett Vinċi taħdem **esperta tas-saħħa mentali** li se tkun tista' tiltaqa' mal-qraba ta' min iġarrab diffikultajiet ta' saħħa mentali sabiex tiggwidahom skont il-bżonn partikolari tagħhom. Min jixtieq jista' jagħmel kuntatt mal-Kappillan jew mal-ħaddiema tal-proġett minn issa stess u jikseb tweġiba għar-ruxxmata ta' mistoqsijiet li nafu li jkollkom. Dan huwa servizz **bi sħab mal-Mental Health Association** li ilha snin twal tgħin lill-qraba ta' min isofri minn mard mentali.
- Minn Settembru li ġej se tibda tixxandar **serje** ta' programmi ta' sigħa il-waħda **fuq Radju Hompesch**, serje ta' programme fuq **Kif Tibni u Tmantni Relazzjoni**. Nagħtukom aktar tagħrif minn fuq l-istazzjoni stess.
- Min iħoss il-ħtieġa għal **Servizz ta' Counselling**, se jkun jista' jċempel u jagħmel appuntament. Counsellors huma professjonisti li, k'kunfidenzjalità kbira, jisimgħuk u jgħinuk tifhem lilek innifsek u lil ta' madwarek aħjar, ittejjeb il-komunikazzjoni fil-familja, u ssib tarf ta' dak li qed jinkwetak u jdejjqek fil-ħajja.
- **Social Workers** diġà bdew jaħdmu ma' numru ta' familji. Min iħoss il-ħtieġa jista' juri x-xewqa tiegħu lill-Kappillan u lil Dun Faust.
- **Klabb Nanna*Kola:*** Nafu kemm għandna nanniet li qed jieħdu ħsieb neputijiet tagħhom b'risponsabbiltà u piżijiet kbar. F'Ottubru se jibda Klabb għal dawn in-nanniet li jgħixu fiż-żona ta' Marija Bambina. Wara naraw jekk isirx f'żoni oħra wkoll.
- **Volontarjat:** Min jixtieq iwettaq xi tip ta' ħidma volontarja fi ħdan il-proġett jista' jikkuntattjana wkoll. Noffru taħriġ u appoġġ skont il-bżonn. Professjonisti minn Ħaż-Żabbar li jkunu jixtiequ jagħtu daqqa t'id b'mod volontarju huma mħeġġa jikkuntattjawna.

Dan il-proġett huwa finanzjat mill-*ISTRINA* 2009 tal-**Malta Community Chest Fund** għal sena u mmexxi mill-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida. Għal aktar tagħrif ċemplu lill-Leader tal-Proġett Vinċi - Ruth Brincat - fuq 21809011 jew 27672367.

Welcome

***NEW VOLUNTEERS WITH SJAF***

*Claire Ciantar, Justine Camilleri, Lorna Borg -*
*Creative Self-Expression Group for Bridge Youths*
*Marygrace Ellul - Community Work*
*Josephine Vella - Community Work*
*Claire Scicluna - Children's Club*
*Tania Gatt - ICT For Children*
*Isabelle Scicluna - Administration Support*
*Mariella Grima – Transport & Befriending*
*Reno - Handyman*

# Se jibdew

**GRUPP GĦALL-ESPRESSJONI KREATTIVA** immexxi minn żewġ voluntieri żgħażagħ Lorna u Justine għall-grupp żgħir ta' żgħażagħ b'learning disabilities li jkunu ċ-Ċentru Antida regolarment.

**DEPRESSION SUPPORT GROUP** għal persuni minn Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, Santa Luċija u l-Fgura.

**ŻEWĠ SUPPORT GROUPS GĦALL-QRABA TA' MIN ISOFRI MINN MARD MENTALI**: wieħed se jsir Ħaż-Żabbar bħala parti mill-Proġett Vinċi u l-ieħor se jsir Ħal Tarxien u jkun miftuħ għall-qraba li jieħdu ħsieb persuni b'mard mentali li joqogħdu Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, Santa Luċija u l-Fgura.

**PROGRAMM FUQ RADJU HOMPESCH** mit-tielet ġimgħa ta' Settembru li se jiffoka fuq kif tibni u tmantni relazzjoni. Dan se jkun parti mill-Proġett Vinċi li l-Fondazzjoni qed twettaq id f'id mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar b'fondi mill-ISTRINA 2009.

**GRUPP ATTIVITAJIET** għal tfal ta' familji li diġà qed naħdmu magħhom miż-Żona tal-Housing f'Ħaż-Żabbar. Dan ukoll jifforma parti mill-Proġett Vinċi.

***FIL-BASEMENT TAS-SORIJIET***



Bħala waħda mill-ħarġiet li spiss nagħmlu, aħna l-ħbieb ta' Santa Ġiovanna Antida, morna nqattgħu nofstanhar fil-basement li s-Sorijiet għandhom f'Marsaskala. Dan huwa post sabiħ u nadif, miksi bil-madum taċ-ċeramika mill-art sas-saqaf, u qiegħed livell mal-baħar. Fil-fatt, fil-maltemp tax-xitwa, il-mewġ iħabbat mal-bieb, tant li jħalli munżell alka.

Staqsejna lil Sr Rose u lill-Nora jaqsmu magħna ftit mill- espejenzi li kellhom Ruma tal-Kapitlu Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità. U dan tant għamluh kważi kellna nwaqqfuhom biex jieqfu.

F'atmosfera rilassata u trankwilla, kilna pizza li xtrajna minn take-away. Xi ftit mill-ħbieb qagħdu jieklu ġewwa, u l-oħrajn ħarġu jieklu barra, max-xifer tal-baħar. Nistgħu ngħidu li dan kien nofstanhar ieħor ta' sodisfazzjon, kif jagħfu jagħmlu l-ħbieb ta' Ġov Antida.

Daniel Grech,
***Voluntier mal-Fondazzjoni u membru tal-Ħbieb ta' SJA***



SJAF e-magazine this month celebrates its 3rd year of publication!!

**SĦUBIJA: Is-St Jeanne Antide Foundation hija affiljata ma':**

- **Il-Mental Health Association, Malta**
- **L-Anti-Poverty Forum Malta**
- **SKOP (Solidarjetà u Koperazzjoni**
- **l-NGDO forum ta' Malta**
- **Il-Malta Health Network**

# NEWS Aħbarijiet mill-Fondazzjoni

- 1 ta' Lulju: Laqgħa ma' Mario Gerada mill-Platform tal-NGDOs SKOP. Il-Fondazzjoni saret membru ta' **SKOP (Solidarjetà u Koperazzjoni).**

- 8, 15, 22,u 29 ta' Lulju (3.30 – 4.00pm): Programm **Lejn Ħajja Mimlija** fuq l-istazzjon **Radju Marija** mtella mill-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità flimkien mal-Fondazzjoni.

- 8 ta' Lulju: Claire, Emma u Tony mexxew laqgħa dwar l-Edukazzjoni tan-Nanniet u n-NannaKola Klabb fuq talba tal-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa taż-Żejtun.

- 13 ta' Lulju filgħaxija: Ruth u Nora attendew **laqgħa** fil-Waterfront Hotel organizzata mill-**Malta Qualifications Council** u l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilità dwar is-sistema li se tinħoloq dwar il-verifikazzjoni ta' tagħlim (dak li jafu u dak li jafu jagħmlu) miksuba minn persuni b'diżabilità.

- 14 ta' Lulju: Nora attendiet il-laqgħa tax-xahar tal- eżekuttiv tal-**Mental Health Association**.

- 15 ta' Lulju: Ruth u Josef organizzaw laqgħa għal żgħażagħ minn Ħal Kirkop u oħrajn li jattendu ċ-Ċentru Antida regolarment sabiex jiltaqgħu ma' uffiċċjali mill-**ETC** dwar il-**Youth Employment Programme**.

- 16 ta' Lulju: Djalogu ma' Rose Falzon, Counsellor u Terapista, dwar il-prattika professjonali fi ħdan il-Fondazzjoni.

- 21 ta' Lulju: Sr Rose u Nora qasmu l-esperjenza tagħhom tal-Kapitlu Ġenerali tas-Sorijiet tal-Karità f'Ruma mal-grupp **Ħbieb ta' Santa Giovanna Antida**.

- 26 ta' Lulju: Sr Rose, Ruth u Nora ħadu sehem f'laqgħa ġewwa l-Palazz ta' San Anton fejn ġiet spjegata u diskussa s-**sistema ġdida ta' applikazzjoni għall-għajnuna** għall-persuni u familji fid-diffikultà b'fondi tal-**Malta Community Chest Fund** (MCCF). Kien hemm preżenti ħaddiema minn għaqdiet volontarji u aġenziji tal-gvern.

- 27 ta' Lulju: Ruth, Frida u Lucianne attendew Seminar dwar il-Vjolenza Demestika organizzata mill-Uffiċċju tal-Kummissarju fuq il-Vjolenza Domestika.

- 28 ta' Lulju: Laqgħa ta' **jum ta' pjanar** għall-Governing Board u ħaddiema tal-Fondazzjoni sabiex titfassal strateġija għas-snin li ġejjin.

- 29 ta' Lulju: Ruth u Lucianne attendew Seminar fir-Radisson Blue Resort f'San Ġiljan organizzat mill-ETC dwar **l-Iskemi tal-Impieg** kurrenti b'risq min hu qiegħed.

- 30 ta' Lulju: Sr Rose u Frida attendew **Press Breakfast** fuq **il-Vjolenza Domestika u l-Anzjani** fl-Ewropa House il-Belt Valletta organizzat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Affarijiet tal-Familja bħala parti minn sensiela ta' attivitajiet għas-sena kontra l-faqar.

## HOMEWORK SUPPORT SERVICE (LEARNING SUPPORT PROGRAMME)

With the help of St. Jeanne Anide, in whose footsteps we follow in our work with very vulnerable children, we recently held our last session of the Homework Support Service for the period October 20009 to June 2010. During this period, we had successfully introduced short ***Fun Time*** sessions ahead of each one-to-one HSS session. These slots included art and craft, drama, cookery, card making, board games.

A ***Circle Time*** and ***Tutor Time*** before every session had also been introduced. Most of the Fun Time and Circle Time slots were led by a team member and children expressed their enjoyment of both. Given such a feedback we will make sure that these will continue to be a regular feature as from the coming September when we reconvene.

During the October 2009 to June 2010 service period we held a ***PARENTS' MEETING***, ***TEAM TRAING MEETINGS***, and ***TEAM DISSCUSION MEETINGS.*** Such sessions will be held on specified days to further nurture a team spirit. All this would not have been possible had it not been for the contribution and team effort of all the 24 Volunteer Tutors. A huge thank you to many of you who have been offering your service for the past three and a half years and to those of you who joined us for one calendar year only.

I feel that the following volunteers deserve a special word of thanks: Louise, Rita Scarfe, Richard, Josephine M., Josephine R. Sr. Giovanna, Carmen, Edith, Erica, Thomas, Rebecca, Michael, Christabelle, Christine, Claire, Lorraine, Melissa and Grace. We also thank Melainie and Ruth who discontinued their volunteering for personal reasons. A BIG THANK-YOU to you all. Thank you as well Miriam, Sr Rose, Daniel (our receptioist), Vivien Cassar (our team Counsellor) as well as Urieth and Sue who helped during our team training sessions.
An over view of sessions:

| Type of Session | Comment |
|---|---|
| Friday service provision day | 23 sessions held. Weekly meetings for Tutors and children:<br><br>Circle Time, Tutor time, and Tutoring |
| Fun sessions | 4 sessions held: Art and Craft, board games, drama, cookery, and card making |
| A Christmas Party | A spontaneous Christmas play, children made use of props and costumes. Party with gifts and cakes. |
| An Easter Celebration | In the form of a dramatized Easter Story, prayers and songs, adoration of the cross. |
| Party | A farwell party at the end of the June sessions |
| Team training session | Urieth, our main speaker, helped us improve on the method of Tutor Record keeping of each session and term planning. |
| Team training session | Led by Vivien (Team Counsellor) and Sue (Therapist/ Teacher) who helped with hints on how to help and encourage children with reading difficulties. |
| Parents' meeting | Parents registered their children and signed contracts regarding their children's learning goals. We explained the service aims, method of service provision, parents' needs. |
| Night out for team members | Over a pizza, we consolidated our friendship. |

**Jessie Spiteri**
**Team Leader - Homework Support Service**

## L-Esperjenza Tiegħi ta' Klabb NANNA*KOLA* Fleur-De-Lys - Charles Meilaq

Għall-bidu ta' din is-sena, il-kappillan, Fr. Joe Saliba, stieden lill-mara u lili, għal laqgħa tan-nanniet li jieħdu ħsieb in-neputijiet tagħhom.

Dawn il-laqgħat bdew isiru filgħaxija, darba fix-xahar. Waqt waħda minn dawn, sar suġġeriment għal kors ta' tnax-il laqgħa, darba fil-ġimgħa li. però, kellu jsir filgħodu. Kien hemm min seta' u xtaq li jibda il-kors imma kien hemm oħrajn li ma setgħux u għażlu li jkomplu ta' filgħaxija biss.

Saret diskussjoni dwar liema kienet l-aħjar ġurnata u l-ħin biex jakkomodaw lil kulħadd. Ġejna wkoll mitluba nressqu punti li xtaqna li niddiskutu fuqhom. Kulħadd wera xi xtaqna nitgħallmu iżjed.

Hawn beda l-uġigħ ta' ras, għal Emma, Tony u Pauline, il-ko-ordinaturi tal-kors tagħna mill-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida, biex ifasslu dak li xtaqna aħna. Filwaqt li għan-nom ta' sħabi, tal-mara, u tiegħi, nirringrazzjakom tal-ħeġġa u l-inpenn li għoġobkom turu lejna, naċċertakom li kull wieħed u waħda minna, akkwistajna ħafna tagħlim u esperjenza, li nistgħu nużaw fil-ħajja ta' kuljum.

Ċerti affarijiet kienu jidhru li huma sens komun, imma meta wieħed jiltaqa' ma' ċerta ċirkustanzi, faċli li tieqaf, u kif ngħidu, tibda tħokk rasek għal soluzzjoni tajba u ta' malajr.

Wieħed irid ikun għaqli u jqabbel is-soluzjoni li forsi jkun sema', waqt waħda mid-diskusjonijiet li għamilna.
L-esperjenzi ta' diversi problemi, li wieħed sema', jista' faċilment, jimmodifikom għal problemi oħra li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien.

Issemma li aħna n-nanniet għandna rowl uniku, dak li nieħdu ħsieb it-tfal ta' uliedna. Żgur, li huma, mhux se jkunu jistgħu jagħmlu dan ix-xoghol, ghax huma jaħdmu u se jkunu għadhom jaħdmu, meta jilħqu l-età tagħna.

Meta aħna qed nieħdu ħsieb in-neputijiet, volontarjament, qed nagħmlu dan, biex ngħinu lil uliedna, li ħafna drabi, jkollhom imorru jaħdmu bil-fors u anke, meta jkollhom xi ħaġa li ma jistgħux jeħduhom magħhom. Meta niġu mitluba nagħmlu dan, irridu nifhmu, li aħna, mhux qed nissostittwixxu lil uliedna imma qegħdin biss ngħinuhom.

Għalhekk, għadna nitkellmu magħhom fuq il-mod li għandna nimxu man-neputijiet, li wara kollox, huwa il-mod ta' kif rabbejna lilhom. Irridu, wkoll kemm jista' jkun, inrażżnu l-emozzjonijiet tagħna għax issa żgur li jkun hemm differenza fl-atteġġjament tagħna, lejn iż-żgħar. Dan isir, għax aħna kbirna, għax iż-żminijiet inbidlu. Insomma, nsibu mitt skuża, biex nittolleraw u niskużaw lin-neputijiet.

Hawn, irridu noqogħdu attenti għal xi inċidenti żgħar, li jistgħu jinqalgħu bejna u t-tfal. Dawn malajr, isiru kunflitti, jekk ma niħdux ħsiebhom mill-ewwel. Mhux dejjem, jirnexxilna, għalhekk, għandna mill-ewwel, infittxu, għajnuna professjonali. Jista' jkollna nissagrifikaw, kemm il-ħin,u anke kultant xi passatempi, li wieħed jkollu.

Bil-paċenzja u perseveranza, żgur li jkollna riżultati mixtieqa. Aktar ma wieħed ikun pożittiv, aktar ix-xogħol li jkun hemm bżonn isir, ikun ħafif. Ma għandniex niddejqu li meta nfallu xi drabi, nerġgħu nippruvaw. Ma ninsewx, li għalkemm, forsi uliedna, jirribellaw għal xi pariri tagħna, finalment jagħtuna raġun. Issa nerġa' ndur lejkhom.

Grazzi ħafna mill-qalb. Għax wara assenza ta' xi tnax-il sena, stajt nerġa' nesperjenza dak li dejjem għamilt: kemm fuq il-post tax-xogħol, li ngħin lil sħabi, kemm bħala mgħallem, kemm bħala shop steward, għal fuq tletin sena, u anke bħala direttur ħaddiem.

Anke fix-xogħol, part time ta' Social work, mal-gvern, li għamilt għal diversi snin, kien ħafna għal qalbi. Ili ħafna li spiċċajt, imma għadni niltaqa' man-nies, li mhux dejjem wieħed jiftakar kif u meta għinthom - jieqfu biex jgħidulek grazzi.

J'Alla, wieħed jieħu sodisfazzjon ta' dak li jkun għamel, biex jgħin, kemm lill-familjari u anke lil ħbiebu. Is-sigriet tal-ħajja, hu "li wieħed jkun lest li jagħti, aktar minn dak li jkun se jakkwista". Missieri, dejjem għallimni biex nagħmel ma' ħaddiehor dak li nistenna li jagħmlu miegħi.
Grazzi, lill-Fondazzjoni Santa Giovanna Antide, li taħdem mal-Parroċċi li jixtiequ jorganizzaw inizjattivi ta' edukazzjoni għan-nanniet li jieħdu hsieb in-neputijiet. Grazzi tal-esperjenza u tan-noti li qassamtulna.
Grazzi wkoll lill-Kappillan, li barra l-ħsieb tal-lagħqat, offra is-sala fejn niltaqgħu u anke ġab kelliema barranin għall-grupp ta' filghaxija.

Grazzi, mhux anqas, lil kull min ipparteċipa, biex dan il-kors isir u jkun jista' jhalli l-frott mixtieq.



# Klabb Nannakola, Fleur-de-lys

Jiena, Emma u żewġi Anthony bdejna naħdmu m-St Jeanne antide Foundation sa mit-twelid tal-Klabb Nannakola. L-ewwel Klabb twettaq id f'id maċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja tal-Patrijiet Agostinjani f'Ħal Tarxien. Il-Klabb ta' Fleur–de-Lys kien għalina t-tmien wieħed f'sitt parroċċi differenti!

Bħal ma ġara wkoll fil-Klabbs l-oħra kollha kellna membri ta' kif jġħidu ż-żaġħażagħ tal-lum "tal-Ġenn!" Ħadu sehem attiv f'kull attività li kellna. Mill-evalwazzjoni tal-aħħar laqgħa, l-għeluq tal-Klabb, rajna li l-parteċipanti ħassew li issa għandhom aktar kunfidenza u ħiliet dwar kif jikkontrollaw lilhom nfushom, li jifhmu aktar lil uliedhom adulti u li jgħinu ruħhom fit-trobbija tan-neputijiet.

Fi Fleur -de-lys kellna magħna lil Pauline Agius, Community Worker mal-Fondazzjoni li ħadmet magħna biex hi wkoll titkisser f'din il-linja. Konna tim veru tajjeb. Il-membri tal-Klabb kellhom entużjażmu kbir, kemm waqt id-diskussjoni li kemm ukoll fil-krafts li konna nagħmlu, fejn l-oġġetti u riżorsi edukattivi li ħolqu huma kienu isiru aħjar mill-oriġinali!

Ħafna fosthom, anke aħna, inkunu għaddejjin minn xi esperjenzi sbieħ jew koroh. Fil-fatt fil-Klabb kulħadd sab min jifhmu, min jgħinu biex isib l-għajnuna meħtieġa. Din l-esperjenza wkoll kienet tinżel għasel!

Kellna ħarġa mal-membri fil-ġnien tant trankwill u sabiħ ta' Romeo Romano f'Santa Venera. Tassew ħadna gost speċjalment bil-Ice Breaker tal- "Pig Personality" li għenitna nagħrfu il-personalità tagħna u dħaqna ftit ukoll! Preżenti magħna kellna wkoll xi neputijiet.

Meta kellna lil Counsellor Vivien Cassar mill-Fondazzjoni, kien fihom għaxqa isaqsu mistoqsijiet tassew bis-sens u rilevanti ghar-realtà unika taghna ta' nanniet li jindukraw lin-neputijiet.

Ilqatna ħafna temi dwar dixxiplina fil-familja, l-ispiritwalità tagħna, missejna il-valuri insara, il-komunikazzjoni, il-ħin ta' kwalità man-neputijiet, fost oħrajn.

Naf li hemm xi postijiet oħra f'Malta li jixtiequ jkollhom dan il-Klabb ġor-raħal tagħhom u li bħal l-oħrajn ta' qabilhom naf żgur li ser ikunu suċċess ukoll. Ħafna minn dawk li attendew saru jafu b'dan il-Klabb mill–parroċċa, oħrajn mill-iskola u oħrajn minn ħbieb. Fi Fleur-de-Lys, ħaddiema mis-St Jeanne Antide Foundation ghamlu outreach f'xi żoni fil-parrocċa biex isiru jafu bih aktar nies. Tqassam fuljett fil-quddies u bieb bieb f'ċertu żoni wkoll.

F'Ottudbru li ġej, għandna talba biex immexxu wiehed fiż-żona ta' Maria Bambina fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bhala parti mill-Proġett Vinċi tal-Fondazzjoni.

**Emma Pulis**
**Grandparent Education Facilitator**

## PER DONARTI - Aħfer u tagħti lilek innifsek

*Marco Guzzi*

Ħija, biex tagħti lilek innifsek,
biex toħloq ħajja fuq din l-art, u bl-uffu
tgħallem aħfer lilek innifsek, aħfer.

Tgħallem eħles 'l qalbek
minn toqolha, mid-daqqiet
biex tqaċċat minn sidrek
il-ktajjen tal-mibgħeda.

Aħfer lilek innifsek ħija,
ħalli tagħti lilek innifsek.
Aħfer lil missierek u lil ommok
ħalli toħloq ħajja mimlija.

Aħfer 'l-ġenituri tiegħek u lill-għedewwa.
Għalihom tkun il-grazzja
bla kundizzjoni.

U nwiegħdek li minnufih tiffjorixxi
hawn fuq din l-art u tibni
dinja ġdida
li diġà qed tbaqbaq fik,
iben il-bniedem
biex tkun taf aktar.



Maqluba għall-Malti mill-ktieb ta' Marco Guzzi - *PER DONARSI: un manuale di guarigione profonda*

Milano: Paoline, 2007 Collana Crove Via diretta da Marco Guzzi.
Ara wkoll il-website tieghu [www.farsipace.it](www.farsipace.it)

# Rokna Poeżija

poeżiji ta'

tony macelli



**Hajja Aħħarija**

dejjem xtaqt inħażżeż ħajja bħal
poeżija; imżewwqa b'ritmu jidwi
b'Tifsira Aħħarija, u b'dija
tal-Maħbub,
b'ilwien barbari li jonfħu
nifs ta' ġmiel liema bħalu
u hena
u stagħġib...

irħejtilha jien lejn artijiet
ta' għaġeb, tal-ikħal, tal-larinġ
u tal frott tropikali
ta' maltemp griż, oċeani... tempji
lil Dak li ma jintagħrafx bil-kliem -
fejn iġorruk il-fwejjaħ u l-fwawar
u l-ħwawar imżewwqin
u l-inċens l-ispirtu jieħu
sa lok il-kobor...

iżd' issa għaraft li kull ma kelli
fil-ħajja nagħraf, kien
kif jien nista' mmexxi lura
it-tagħlim tal-jien li tgħallimt
u nħalli jgħix biss lil Dak...
għax lok il-kobor, issa
hawn.

**Matul ix-Xmajra Safja**

matul ix-xmajra safja, l-prinjoli
għadhom siekta jferrxu l-fwieħa...
għanjet in-naħal
hi dak li hi

telefonati għaxr'għaxra...
fil-korp diplomatiku, nies
 jikkonfoffaw biex ikunu
dak li ma hux

mal-prinjoli, ebda għaġla...
għeruqhom jiġbdu jafu
fil-fond mill-ilma lilhinn mill-żmien
matul ix-xmara safja



**Monasterju tas-Sorijiet**

imkennen fost imsaġar
ma ġnub il-għoljiet
ħdejn megħrat kbar ħodor
b'ġarar tan-naħal,
ħdejn ġnien għall-ħxejjex tal-kċina
hawn monasterju tas-sorijiet,
kenn għal min irabbi s-sliem lilhinn
minn kull ma jista' jinftiehem

għada jkun l-istess:
qara bagħli, fażola, brunġiel
piżelli rotob, nagħniegħ, ħaxix ifuħ
f'minestra mal-ħobż ta' nofs inhar
żerriegħa mħollij' għall-għasafar
klieb u qtates mitmugħin
u minnufih l-għanja tal-insetti tal-kjostru
terġa' tinegħleb mill-għana tal-kappella
sakemm, mill-ġdid, is-sorijiet
jirrakkontaw  il-ħemda
l-ilsien grazzjuż tar-renju...

is-soru li tgħin lill-koka timxi sal bir antik
l-barmil itella' mill-fond...
waqt li hekk ukoll ħidma, sliem,tbissim,
 it-talb bil-ħsieb, u t-talb minħgħajr,
dawn kollha jtellgħu mix-xmara
ħajja u mqaddsa
ħa' jferrgħu fuq tiġrib id-dinjiet



# BBQ



**Is-Sibt 28 t'Awwissu fis-7.00pm**

**F'St. Thomas Complex, Triq il-Muxar, M'Scala**

**B'risq il-fqar tal-missjoni tas-Sorijiet tal-Karità**

**Ikun hemm:**

*Tombla Divertiment Mużika Rigali Ikel Bnin u Free Drink*

**Prezz: Adulti €10 Tfal €5**

Menu Kbar – Tiġieg jew Laħam
Menu Tfal – Hamburger u Sausages

***Imħajjar tiġi? Ċempel issa fuq nr 79297153***




## ĊENTRU ANTIDA

Ħinijiet tal-Ftuħ
Mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru
mis-7:30 ta' filgħodu sas- 1:30 ta' wara nofsinhar

## DONATIONS

*Your donation is truly appreciated; it enables us to consolidate our services to vulnerable individuals and families from surrounding parishes. Cheques are to be issued to the St Jeanne Antide Foundation. Bank transfers can be made to the following bank account:*
*APS Bank – St. Jeanne Andtide Foundation –IBAN Number: MT03APSB77080005504720000681886*

***THANK YOU! WE PROMISE TO PRAY FOR YOU AND YOUR FAMILY***

**FOUNDATION SERVICES**

**1. The Antide Centre:** a drop-in centre in Tarxien open from 7.30am to 5.30 pm daily in winter time (sometimes later as well).

**2. The Social Work & Counselling Service:** includes home-visits by a nurse to home-bound lonely elderly, family-focused community outreach work and youth work.

**3. The Learning Support programme:** includes (a) a Homework Support Service for children and young persons; (B) the Bridge Programme - a basic skills training initiative for youths aged 16 to 24 including those with mild cognitive developmental delays and mental health problems; (c) non-formal learning opportunities for vulnerable adults (courses on self-esteem, basic ICT, etc). (d) Mentoring youths-at-risk.

**4. Caring for Carers Programme:** includes (a) Grandparent Education which supports parishes to start and run a NannaKola Club for grandparents who care for their grandchildren. Monthly dialogue sessions with experts take place at the Ċentru Antida. (b) support to carers of persons with mental health problems, disability and chronic ill-health; (c) Young Carers support (in the pipeline)

**5. Consultations to Diaconia Commissions** regarding service provision.

6. **Vinċi Project:** Community work in the parish of Ħaż-Żabbar undertaken in collaboration with the parish and partially funded by STRINA of the Malta Community Chest Fund. Services include social work in zones with a concentration of families in difficulty, counselling, groupwork

7. **Appoġġ** proġetti ta' zvilupp tas-Sorijiet tal-Karità f'pajjiżi fejn hemm il-faqar. Bhalissa qed tinbena l-Grace Clinic fil-Pakistan.